MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 250/2005/1

**Mariano Vella u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2004 stante l-mewt ta' Mariano Vella fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Vella**

**V**

**Socjeta` "Gourmet Company Limited"**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

Dan huwa provvediment fuq talba tas-socjeta` Gourmet Company Limited maghmula fis-17 ta' Ottubru, 2005 a tenur ta' l-Artikolu 823 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjeta` rikorrenti ppremettiet li hija intavolat talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi deciza fi grad ta' appell fil-11 ta' Ottubru, 2005 u, billi, skond l-istess rikorrenti, hi ssodisfat r-rekwiziti ta' l-Artikoli 815, 249, 823 u 266(10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, talbet t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija pendenti determinazzjoni finali tal-proceduri ta' ritrattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 823 tal-Kap 12 jiddisponi li talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata, b'dana kollu il-Qorti li quddiemha tintalab ir-ritrattazzjoni, tista', ad istanza tal-parti li taghmel dik it-talba tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza jekk:

(a) flimkien mat-talba taghha dik il-parti taghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix imhassra, maghduda dik il-garanzija kif imsemmija fis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 266; u

(b) jigi muri a sodisfazzjon tal-Qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` rikorrenti qegheda tghid li, flimkien mar-rikors taghha hija pprezentat garanzija ghall-ispejjes a tenur ta' l-Artikoli 815 u 249 tal-Kap 12. Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni mill-kontro parti, anzi jidher mill-atti tar-rikors li "*is-somma ta' LM400 giet depozitata mill-appellant sabiex taghmel tajjeb ghall-<u>ispejjes</u> ta' dan l-appell.*" Sa hawn ghalhekk jidher li r-rikorrenti ssodisfat r-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 815 imsemmi biex tali procedura tkun tista' tigi istitwita.

Izda, kif sewwa irrileva l-intimat, jidher li s-socjeta` rikorrenti ma pprezentat ebda garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza li l-ezekuzzjoni taghha qed jintalab li tigi sospiza. Infatti fl'atti ma tinsab ebda garanzija simili maghmula ghal dan l-iskop u l-istess intimat issottometta li "*huwa ma gie notifikat b'ebda dokument illi suppost jikkontjeni tali garanzija.*" Ghal din ir-raguni din il-Qorti ma thoss li t-talba tas-socjeta` rikorrenti ghandha tigi milqugha billi kien jispetta lill-istess socjeta` li tipprezenta tali garanzija haga li ma ghamlitx.

Illi din il-Qorti kienet tikkonsidra li taghti lir-rikorrenti terminu biex tottempera ruhha kieku dan kien l-uniku nuqqas izda lanqas ma hija sodisfatta din il-Qorti li l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lis-socjeta` rikorrenti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-attur u dana billi s-sentenza in kwistjoni tikkoncerna r-ripreza ta' fond gia mikri lis-socjeta` rikorrenti, ghall-perijodu ta' ghaxar snin b'effett minn Settembru, 1992 ghall-gestjoni mis-socjeta` rikorrenti ta bar u restaurant. Illi, apparti konsiderazzjonijiet ohra, jidher li l-perijodu tal-kirja skada snin ilu u l-fond qed jinzamm maghluq b'detriment ta' sid il-kera. Inoltre jirrizulta mill-estratt tad-dokumenti registrati fir-rigward tas-socjeta` rikorrenti, liema estratt gie rilaxxat mill-Malta Financial Services Authority fit-12 ta' Settembru, 2005, li s-socjeta` rikorrenti ilha ma tottempera ruhha mar-rekwiziti tal-Att Dwar il-Kumpanniji ghal zmien twil, liema nuqqas johloq incertezza serja dwar il-possibilita` li l-istess kumpanija tonora l-obbligi taghha fil-konfront ta' sid il-kera kemm-il darba s-sentenza fuq imsemmija tigi konfermata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-talba tar-rikorrenti qed tigi michuda bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------